MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 227/2006/2

**Assocjazzjoni Protezzjoni Civili kif rapprezentata minn Emanuel Psaila, Chairman u John Azzopardi, Segretarju tal-istess Assocjazzjoni**
**v.**

**Ministru ghall-Edukazzjoni Zghazagh u Xoghol u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2007 il-kelma Xoghol giet sostitwita bil-kelma Impjieg ; Ministru ghall-Gustizzja**
**u**
**Intern; Direttur Responsabbli mix-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2007 gie korrett ghal Direttur ghar-Relazzjonijiet**

**Industrijali u Impjiegi ; u b'digriet tal-15 ta' Jannar 2007 gie kjamat fir-rikors l-Agent Direttur Generali (Management and Personnel Office)**

**Il-Qorti :**

Rat is-sentenza tal-24 ta` Frar 2012 moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) li kienet taqra hekk –

"Il-Qorti :

"Rat ir-rikors guramentat tal-assocjazzjoni attrici li jaqra hekk :

""1) Illi kif stabbilit bl-Artikolu 8 sub-artikolu (7) (b) ta' l-Att XV ta' l-1999 (Kap 411 tal-Ligijiet ta' Malta) dwar il-Protezzjoni Civili, l-Azzocjazzjoni Protezzjoni Civili ghandha :

""bil-ghan li taghmilha possibbli ………… tikkunsidra u ggib quddiem l-awtoritajiet kompetenti kull haga li tolqot il-*welfare* u l-efficjenza professjonali tal-membri ta' dik l-assocjazzjoni, inkluz dak li jolqot is-sieghat tax-xoghol taghhom, *leave*, hlas u *allowances*, pensjonijiet u kundizzjonijiet tas-servizz u regoli tad-dixxiplina ohra b'mod generali ………. ;""

"2) Illi l-istatut approvat mill-Ministru responsabbli mill-Protezzjoni Civili ai termini ta' l-Artikolu 8 subartikolu (7) (c) tal-istess Att XV msemmi u mpoggi fis-sehh bl-Artikolu 13 (2) ta' l-Avviz Legali 207 tas-sena 1999, (Tieni Skeda ma' l-istess Avviz Legali) ighid illi l-ghanijiet u l-iskopijiet ta' l-Assocjazzjoni jkunu (fost ohrajn) :

""Biex ittejjeb il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi ta' l-impjiegi u tas-salarju u generalment tipprotegi l-interessi u d-drittijiet professjonali tal-membri taghha.

“Biex thares u ttejjeb il-kundizzjonijiet ta’ l-impjieg tal-membri u biex iggib ‘’il quddiem l-interessi taghhom, biex tirrapprezenta l-interessi tal-membri f’diskussjonijiet man-naha ufficcjali fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u

“Biex tkabar il-benesseri tal-membri tad-Dipartiment u tad-dipendenti taghhom, permezz ta’ dawk is-servizzi li minn zmien ghal zmien jistghu jkunu possibbli, inkluz poloz ta’ l-assikurazzjoni kollettiva ;””

“3) Illi in segwitu ghall-obbligu taghha kif naxxenti minn dak li qieghed hawn fuq jigi ikkwotat, l-Assocjazzjoni rikorrenti bdiet sa minn Settembru tas-sena 2003 tressaq quddiem l-Awtoritajiet kompetenti, reppresentazzjonijiet dwar bzonnijiet partikolari u kundizzjonijiet tax-xoghol partikolari li l-Assocjazzjoni hasset illi kellha tressaq ’il quddiem fl-ahjar interessi u benessere tal-membri taghha, fosthom kundizzjonijiet relatati ma’ hlas ta’ *allowances*, bhal *shift* u *on-call allowances, allowances* relatati ma’ riskji u *height and depths allowances,* oltre skemi ta’ irtirar wara hamsa u ghoxrin sena servizz u polza ta’ lassikurazzjoni kollettiva ;

“4) Illi meta tali rapprezentazzjonijiet ma hallew l-ebda frott, l-Assocjazzjoni rikorrenti kitbet lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili fl-10 ta’ Jannar 2005 (DOK A) sabiex tgharrfu li d-diskussjonijiet li kienu qed isiru ma kienux qed ihallu l-frott taghhom u avzat illi kienet ser timxi fl-ahjar interessi tal-membri taghha jekk ma kienux ser jibdew jinghalqu l-pendenzi ;

“5) Illi fil-25 ta’ Jannar 2005, l-Assocjazzjoni Protezzjoni Civili kitbet lid-Direttur responsabbli mix-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali (DOK B) u talbitu jintervjeni bhala medjatur jew konciljatur sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet ghall-pendenzi li kien hemm u appellat illi tinzamm laqgha bejn il-partijiet bil-ghan illi tinstab soluzzjoni filwaqt illi jkun stabbilit *time frame* li fih kellhom jinzammu d-diskussjonijiet ;

“6) Illi anke dan it-tentattiv sfaxxa fix-xejn u fis-7 ta’ Frar 2005 l-Assocjazzjoni rikorrenti kitbet lill-Ministru intimat

responsabbli mill-Edukazzjoni, Zaghzagh u Xoghol (DOK C) u talbet lill-istess Ministru sabiex iressaq l-ilment ta' l-Assocjazzjoni quddiem il-*Joint Negotiating Council,* kif suppost stabbilit bl-Artikolu 72 tal-Kap 452 dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xoghol u r-Relazzjonijiet Industrijali, sabiex fil-parametri li ttih il-ligi, jigu trattati l'hemmhekk elenkati problemi konessi mal-kundizzjonijiet tas-servizz tal-membri ta' l-Assocjazzjoni rikorrenti bl-iskop illi jkunu rizolti fl-ahjar interess taz-zewg nahiet ;

"7) Illi sussegwentament inzammet laqgha mal-Ministru intimat responsabbli mill-Edukazzjoni, Zaghagh u Xoghol fit-18 ta' Marzu 2005 u in segwitu ghal inizjattiva personali ta' l-istess Ministru li jikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti u responsabbli mill-Protezzjoni Civili, partikolarment il-Ministru responsabbli mill-Gustizzja u Intern, inbdew sensiela ta' negozjati ma' ufficcjali gholja mill-istess Ministeru bil-ghan illi jkunu solvuti l-pendenzi bejn iz-zewg partijiet ;

"8) Illi d-diskussjonijiet li sehhew wasslu ghal soluzzjonijiet fuq pendenzi minuri izda baqa' ma kien hemm ebda zblokk fuq kwistjonijiet aktar serji bhal dawk msemmija hawn aktar il-fuq, fosthom *allowances, insurance* u skema ta' irtirar wara hamsa u ghoxrin sena servizzi ;

"9) Illi l-Artikolu 72 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi ghat-twaqqif ta' *Joint Negotiating Council* bhala makkinarju specjali ghal negozjati dwar tilwimiet ta' xoghol li ghandhom x'jaqsmu ma' kondizzjonijiet tas-servizz ta' persuni li jipprovdu s-servizzi elenkati fl-Artikolu 64(6) ta' l-istess Kap 452, allura inkluz ukoll, il-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg, ossia l-membri ta' l-Assocjazzjoni rikorrenti ;

"10) Illi l-istess Artikolu 72 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta mbaghad ighaddi biex jipprovdi ghall-mekkanizmu kollu rilevanti u relattiv sabiex ikunu jista' jiffunzjona dan il-*Joint Negotiating Council,* darba mwaqqaf, li jirregola allura l-*forum*, anzi l-uniku *forum*, fejn diskussjonijiet dwar problemi ta' xoghol tal-haddiema hemmhek elenkati, fosthom il-membri tal-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg, jistghu jigu diskussi bil-ghan illi jintlahaq qbil u jkunu rizolti

d-divergenzi li jista' jkun hemm bejn l-istess Assocjazzjoni f'isem il-membri taghha kif stabbilit bil-ligi u l-awtoritajiet kompetenti u koncernati ;

"11) Illi l-istess Artikolu 72 tal-Kap 452 fis-subartikolu (4) tieghu jipprovdi ukoll sabiex f'kaz illi quddiem il-*Joint Negotiating Council* ma jintlahaq ebda ftehim, allura l-pendenzi ghandhom jigu riferiti lit-Tribunal Industrijali sabiex tinghata decizjoni finali dwar il-pendenzi li jkun hemm ;

"12) Ili in vista tal-fatt illi l-istess intimati esponsabbli mit-twaqqif ta' l-imsemmi *Negotiating Council* baqghu inadempjenti, b'dan illi l-istess awtoritajiet intimati jew minn minnhom baqa' qatt ma nnomina l-membri tieghu fuq l-istess *Joint Negotiating Council,* l- Assocjazzjoni rikorrenti kienet kostretta illi tghaddi sabiex tinizja proceduri legali permezz ta' protest gudizzjarju intavolat fit-28 ta' Novembru 2005 (numru 461/05) (DOK D), b'dan pero` li l-istess intimati baqghu inadempjenti u sal-lum dan il-*Joint Negotiating Council* baqa' ma twaqqafx, bil-konsegwenza li bi pregudizzju ghall-Assocjazzjoni rikorrenti u l-membri taghha, ghalkemm il-ligi tistabbilixxi forum fejn jistghu jigu diskussi l-interessi taghhom kif hawn fuq elenkat, b'dana kollu dan ma jistax isir ;

"Ghaldaqstant l-Assocjazzjoni Protezzjoni Civili rikorrenti talbet sabiex taht dawk il-pattijiet u kundizzjonijiet kollha xierqa, din il-Qorti :

"1. Tiddikjara, prevja kull dikjarazzjoni necessarju u opportuna, illi l-intimati jew min minnhom huwa responsabbli illi jwaqqaf, jappunta u/jew jinomina l-membri tieghu fuq il-*Joint Negotiating Council* kif kontemplat fl-Artikolu 72 tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati, u

"2. Konsegwentement, tiffissa terminu qasir u perentorju sabiex dan l-istess *Joint Negotiating Council* jigi mwaqqaf u stabbilit ghar-ragunijiet hawn fuq elenkati u fin-nuqqas, tawtorizza lir-rikorrenti li jressqu l-ilment

taghhom quddiem it-Tribunal Industrijali kif kontemplat fl-Artikolu 72 (4) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta.

"Bl-ispejjes kollha kontra l-intimati u b'rizerva ghal kull azzjoni ohra legali spettanti lill-istess Assocjazzjoni rikorrenti.""

"Rat ir-risposta guramentata tat-tliet konvenuti originali li in forza taghha eccepew illi :

""1. Preliminarjament illi d-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali u l-Ministru ta' l-Edukazzjoni Zghazagh u Impieg kif imharrek bhala 'Ministru ghall-Edukazzjoni, u Zghazagh u Xoghol', m'humiex il-legittimi kontradituri ghall-azzjoni u ghandhom jigu liberati mit-talbiet stante li dak mitlub fir-rikors guramentat u cioe` li jwaqqfu, jappuntaw u/jew jinnominaw il-membri tal-Joint Negotiating Council ma jaqax fil-mansjonijiet u fil-kompetenza legali taghhom.

"2. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghall-premess illi t-talbiet attrici huma, fil-mertu, infondati fil-fatt u fid-dritt ghas-segwenti motivi :

"2.1 Illi skond l-artikolu 8(7)(a) ta' l-Att dwar il-Protezzjoni Civili (Kap 411) il-membri tal-Forza ta'Ghajnuna u Salvatagg ('il-Forza') fi hdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili ma jistghux ikunu msiehba fi *trade union*. Skond il-paragrafu (b) ta' l-istess sub-artikolu dawk il-membri ta' l-imsemmija Forza jistghu jissiehbu f'assocjazzjoni li l-iskop taghha huwa espressament cirkoskritt bhala dak illi "tikkonsidra u ggib quddiem l-awtoritajiet kompetenti kull haga li tolqot il-*welfare* u l-efficjenza professjonali tal-membri ta' dik l-assocjazzjoni……." Illi ghalhekk huwa car illi dik l-assocjazzjoni qatt ma tista' tigi registrata bhala *trade union* ghall- fini tal-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impiegi (Kap 452) u li l-funzjonijiet ta' dik l-Assocjazzjoni qatt ma jistghu jestendu ghal azzjonijiet, bhal ma huma t-tehid ta' azzjonijiet biex igibu 'il quddiem tilwima ta' xoghol, li jmorru lil hinn mill-funzjonijiet moghtija lilha espressament mil-ligi u cioe` li ggib biss ghall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti affarijiet li

ghandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tas-servizz tal-membri tal-Forza. Illi fil-fatt l-Assocjazzjoni attrici ma hijiex registrata bhal *trade union*. Illi ghalhekk it-talba maghmula mill-Assocjazzjoni attrici tmur oltre l-kompetenza legali taghha u hija ma ghandha ebda interess guridiku legali u '*locus standi*' biex tressaq it-talbiet maghmula fir-rikors guramentat in risposta.

"2.2 Illi skond l-Artikolu 84 tal-Kap 452 dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impieg id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 72 ta' l-istess ligi ma humiex applikabbli ghall-membri tal-Forza stante li dawk id-dispozizzjonijiet, skond l-istess artikolu 84 'ma japplikawx ghal impjegati tal-Gvern' bhal ma huma l-membri tal-Forza.

"2.3 Illi ma jezisti ebda obbligu fuq il-Gvern illi jinnomina membri biex joqoghdu fuq il-*Joint Negotiating Council* biex jittratta l-kaz li qed tippretendi li tressaq quddiemu l-Assocjazzjoni attrici u t-talba ta' l-Assocjazzjoni attrici biex il-Qorti tiffissa terminu ghal dan il-ghan hija ukoll karenti minn bazi legali.

"2.4 Illi fi kwalunkwe kaz il-proceduri quddiem il-*Joint Negotiating Council* qatt ma jistghu isiru mal-Assocjazzjoni attrici stante li dik l-assocjazzjoni m'hijiex *trade union* u skond l-Artikolu 72(2) tal-Kap 452 il-membri tal-*Joint Negotiating Council* li ma jkunux nominati mill-Gvern iridu ikunu 'erba membri li jirraprezentaw lit-*trade union* li jikollha bhala membri taghha l-oghla numru ta' persuni li jipprovdu s-servizz essenzjali fis-settur rilevanti jew fil-qasam involut fit-tilwima.' Tant il-procedura tal-*Joint Negotiating Council* ma tistax tigi inizjata jew titwettaq mill-Assocjazzjoni attrici li anke l-Assocjazzjoni attrici stess la baghtet u lanqas ma tista' tibghat l-ismijiet tal-membri taghha fuq il-*Joint Negotiating Council* u dan proprju ghar-raguni dak tista' taghmlu biss *trade union* u li hija m'hijiex *trade union*."

**"Illi dwar il-fatti dikjarati mill-Assocjazzjoni attrici, l-esponenti iwiegbu dan li gej :**

"1. Illi l-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat huwa biss referenza ghal-ligi u ma jinhtiegx risposta.

"2. Illi l-mansjonijiet tal-Assocjazzjoni huma, kif fuq spjegat, dejjem limitati minn dak li jghid 8(7)(b) tal-Att dwar il-Protezzjoni Civili u cioe` jikkonsistu biss filli l-Assocjazzjoni "tikkonsidra u ggib quddiem l-awtoritajiet kompetenti kull haga li tolqot il-*welfare* u l-efficjenza professjonali tal-membri ta' dik l-assocjazzjoni……" u ma jistghux jestendu ghal drittijiet ta' *trade union*.

"3. Illi mhux kontestat illi kien hemm diskussjonijiet mal-Assocjazzjoni dwar affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tax-xoghol illi l-istess Assocjazzjoni gabet a konoxxenza tal-awtoritajiet kompetenti.

"4. L-istess japplika dwar dak dikjarat fil-paragrafu 4 tar-rikors guramentat tal-Assocjazzjoni attrici.

"5. Illi d-Direttur tar-Relazzjonijiet Industrijali u tal-Impieg u setax, minkejja t-talba li saritlu, f'dan il-kaz jiehu azzjoni ta' konciljazzjoni kif provdut mill-Artikolu 69 tal-Kap. 452 peress illi l-Artikolu 84 tal-istess ligi jeskludi l-applikazzjoni tal-Artikolu 69 ghall-impjegati tal-Gvern bhal ma huma l-membri tal-Forza.

"6. Illi l-Ministru tal-Edukazzjoni, Zghazagh u Impieg ma jistax jirreferi ilment imqajjem mill-Assocjazzjoni attrici lill-Joint Negotiating Council ghax din m'hijiex funzjoni tieghu u dik it-talba ghal referenza lanqas m'ghandha bazi legali.

"7. Illi l-fatt imsemmi fil-paragrafu 7 tad-dikjarazzjoni tal-atturi huwa irrilevanti ghall-meritu ta' din il-kawza li hija dwar punt ta' dritt.

"8. L-istess dwar il-paragrafu 8.

"9. Illi dwar dak dikjarat fil-paragrafi 9, 10, 11 u 12 tar-rikors guramentat, l-esponenti, a skans ta' ripetizzjoni, jaghmlu referenza ghal dak li diga` dikjarat minnhom fil-paragrafi 2.1, 2.2, 2.3 u 2.4 aktar 'il fuq f'din ir-risposta.""

“Rat li b’digriet moghti fil-15 ta’ Jannar 2007, saret il-kjamata fil-kawza tal-Agent Direttur Generali (Management and Personnel Office), li wara li gie notifikat bl-att, ma ressaq ebda risposta u baqa’ kontumaci ;

“Rat is-sentenza moghtija mill-Prim’ Awla tal-Qorti Civili fid-29 ta’ April 2009, li in forza taghha ddecidiet il-kawza billi :

““Ghal dawn il-motivi l-Qorti, ghall-motivi msemmija that “D2”, tilqa’ l-eccezzjoni ta’ l-intimati Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali u l-Ministru ta’ l-Edukazzjoni, Zghazagh u Impjieg u tilliberahom mill-osservanza talgudizzju.

“Dwar l-eccezzjoni 2.1 il-Qorti kif specifikat f’”D3” hawn fuq, din tmur oltre l-kompetenza legali ta’ l-Assocjazzjoni rikorrenti. Dan iwassal li r-rikorrenti m’ghandhiex *locus standi* tressaq it-talbiet li fil-fatt ghamlet. Ghalhekk tilqa’ din l-eccezzjoni.

“Tilqa’ wkoll l-eccezzjoni 2.2 bazata fuq l-artikolu 84 tal-Kap 452 ghar-ragunijiet imsemmija taht “D4” hawn fuq.

“Dwar l-obbligu tal-Gvern li jinnomina membri fuq il-*Joint Negotiating Council*, il-Qorti tirreferi ghal dak li ntqal that “D5” hawn fuq u tikkonferma li l-Gvern m’ghandux tali obbligu, u ghalhekk tilqa’ wkoll din l-eccezzjoni.

“Stante lil-Qorti laqghet dawn l-eccezzjonijiet, mhux il-kaz li tidhol tezamina aspetti ohra.

“Spejjez kontra l-Assocjazzjoni rikorrenti.””

“Dik il-Qorti tat is-sentenza taghha wara li ghamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet :

““Rat l-affidavit ta’ John Azzopardi, Segretarju ta’ l-Assocjazzjoni tal-Protezzjoni Civili sa minn Jannar 2002 li fih issemma li flimkien mal-Kumitat Ezekuttiv hejja *memorandum* fejn fih gew elenkati l-proposti li l-Assocjazzjoni ghandha tressaq quddiem l-Awtoritajiet

koncernati. A fol 32 tal-process jelenka dan kollu. Semma li l-Assocjazzjoni Protezzjoni Civili qed tressaq din il-kawza ghax temmen illi l-uniku zblokk illi hemm huwa li jigi mahtur il-*Joint Negotiating Council*.

“L-iskop ta’ l-Assocjazzjoni hi li thares l-interessi tal-membri u ggib ghad-diskussjoni dak kollu li jolqot il-*welfare* tal-membri. Fid-dipartiment qeghdin madwar 128 haddiema u xi 20 m’humiex membri mhallsa.

“Rat l-affidavit ta’ Emanuel Psaila, *Chairman* ta’ l-Assocjazzjoni tal-Protezzjoni Civili, li fih semma l-ilmenti l-aktar komuni tal-haddiema. Ikkonferma kif gie preparat il-*memorandum*. Ikkonferma l-kontenut ta’ l-affidavit tas-Segretarju. Sostna li l-artikolu 72 tal-Kap 452, jghid illi l-Ligi twaqqaf *Joint Negotiating Council* bhala makkinarju specjali dwar tilwimiet ta’ xoghol li ghandhom x’jaqsmu ma’ kundizzjonijiet tas-servizz ta’ persuni li jipprovdu s-servizzi elenkati fl-Artikolu 64(6).

“Peter Cordina, Direttur tal-Protezzjoni Civili, semma li l-Assocjazzjoni kienet kitbet lilu izda hu ghadda dan it-taghrif lis-Segretarju Permanenti. Semma li l-Assocjazzjoni kienet ipprezentatlu *memorandum* u li kienu saru diskussjonijiet fuqu. Ikkonferma li l-haddiema huma regolati bl-Att XV ta’ l-1999 u l-Assocjazzjoni regolata bl-Avviz Legali 207/1999.

“Charlene Farrugia li hija segretarja mal-Ministru fl-Edukazzjoni stqarret li ma kellha ebda korrispondenza dwar l-Assocjazzjoni rikorrenti.

“Vincent Micallef, Segretarju tat-Tribunal Industrijali, semma li l-unika haga li jaf hu li darba kellmuh mill-Ministeru ta’ l-Edukazzjoni.

“Gejtu Tanti, President tal-UHM, semma li l-Assocjazzjoni rikorrenti marret ghall-assistenza ghand il-*union* u kellmu xi kollegi tieghu.

“Charles Deguara, *Permanent Secretary* fil-Ministeru tal-Gustizzja u Intern, semma li kien hemm zewg laqghat,

wahda fil-bidu ta’ Mejju 2005 u fit-13 ta’ Frar 2006 fejn gew diskussi l-*payment of allowances*, *insurances scheme*, u *status* tal-pensjoni wara 25 sena servizz. In segwitu l-Gvern ma laqax it-talbiet. Semma li dwar *insurance* hemm decizjoni tal-Gvern li taffettwa anke dipartimenti ohra fejn forzi ta’ sigurta` ma tapplikax ghalihom *insurance scheme*. Fir-rigward ta’ *pensionable status* semma li dan inghata lil dawk il-haddiema li kienu gejjin mill-Korp tal-Pulizija imma mhux lill-haddiema l-ohra li gejjin mic-Civil. Ma ftakarx jekk waqt il-laqgha kienx intqal xi diskors rigward *Joint Negotiating Council*. Decizjoni fuq dawn il-kwistjonijiet tittiehed mill-Ministeru ta’ l-Intern waqt li l-kundizzjonijiet ta’ haddiema tal-Gvern huma regolati mill-*Management and Personnel Office*. Ma kenitx problema biss ta’ l-impatt finanzjarju qawwi, izda aktar *policy issue*, ghalkemm il-*policy* bazata fuq ragunijiet finanzjarji. Ikkwota mil-*Legal Notice* 207/1999 li tghid li hemm projbizzjoni minn shubija fi *trade unions*. Ir-rikorrenti huma assocjazzjoni u mhux *union*. Sostna li r-rikorrenti ma jistghux ikunu membri ta’ *trade unions*.

**“D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

*“**<u>D1. Generali</u>** :*

“L-Assocjazzjoni hija regolata bil-Kap 411 u bl-istatut taghha approvat bl-istess ligi u bl-Avviz Legali 207/1999. Dawn isemmu l-ghanijiet u l-iskopijiet ta’ l-Assocjazzjoni. Irrizulta fil-kors tal-kawza li l-Assocjazzjoni ressqet ghad-diskussjoni mal-Gvern diversi ilmenti u suggerimenti biex jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-membri taghha, izda n-negozjati fallew. L-Assocjazzjoni ghandha d-dover li tressaq quddiem l-awtoritajiet kompetenti kull haga li tolqot il-*welfare* u efficjenza professjonali tal-membri taghha. L-ghanijiet u skopijiet ta’ l-Assocjazzjoni huma specifikament imsemmija fl-istatut ta’ l-Assocjazzjoni li hu approvat mill-Ministru responsabbli mill-Protezzjoni Civili. Mill-2003 l-Assocjazzjoni bdiet tressaq rapprezentazzjonijiet lill-awtoritajiet kompetenti b’diversi aspetti ta’ bzonnijiet partikolari u kundizzjonijiet tax-xoghol, specjalment dawk relatati ma’ *allowances*, relativi ghal *shift*, *on-call*, riskji, *height and depths*, oltre skemi ta’

irtirat wara 25 sena servizz, u polza ta’ l-assikurazzjoni kollettiva. Izda peress li n-negozjati ma hallew ebda frott ghall-Assocjazzjoni fl-10 ta’ Jannar 2005 din kitbet lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili. Saru diversi laqghat, inkluz tnejn mas-Segretarju Permanenti fil-Ministeru tal-Gustizzja, is-Sur Charles Deguara.

***“D2. L-eccezzjoni li d-Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali u l-Ministru ta’ l-Edukazzjoni, Zghazagh u Impjieg mhux legittimi kontradditturi:***

“L-intimati Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali u l-Ministru ta’ l-Edukazzjoni, Zghazagh u Impjieg sostnew li m’humiex il-legittimi kontradditturi ghall-azzjoni odjerna. Sostnew li dak li mitlub fir-rikors guramentat – li jappuntaw u/jew jinnominaw il-membri tal-*Joint Negotiating Council* ma jaqghux fil-mansjonijiet u kompetenzi legali taghhom. Sostnew li l-hatra ta’ *Joint Negotiating Council* hija regolata bil-Kap 452 artikolu 72 dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali.
“L-imsemmi artikolu 72 jitkellem dwar kif jigi mwaqqaf il-*Joint Negotiating Council* bhala makkinarju specjali ghan-negozjati dwar tilwimiet ta’ xoghol relattivi ghall-kundizzjonijiet tas-servizz ta’ persuni li jipprovdu s-servizzi elenkati fl-artikolu 64(6). Dan l-artikolu jitkellem dwar il-kompozizzjoni tal-istess Kunsill. Il-ligi ma tispecifikax min jinnomina lill-membri tal-Kunsill rapprezentanti lill-Gvern.

“Ir-relazzjonijiet industrijali tal-Gvern u haddiema tieghu jaqghu fil-mansjonijiet ta’ l-Ufficcju tal-Prim Ministru, *Management and Personnel Office*. Dan iwassal ghall-fatt li peress li ma hemm l-ebda ligi li tispecifika li xi hadd mill-eccipjenti taht l-ewwel eccezzjoni ghandu d-dritt jinnomina lill-membri tal-Gvern fuq il-Kunsill, tali hatra tista’ ssir biss mill-Ufficcju tal-Prim Ministru. L-artikolu 72(2) isemmi espressament li s-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru bhala l-persuna li tircievi informazzjoni dwar in-nomina tal-membri li jirrapprezentaw lill-*union*. Dan qieghed jinghad minghajr ma l-Qorti f’dan l-istadju tidhol biex tezamina jekk jistax jigi mwaqqaf *Joint Negotiating Council* minhabba l-fatt li l-membri ta’ l-Assocjazzjoni jistghux jew le jkunu msiehba fi *trade union* u jekk jistax

ghalhekk jinhatar *Joint Negotiating Council* fil-kaz ta' l-Assocjazzjoni.

"Fil-kawza fl-ismijiet **Brian Vella vs Avukat Generali tar-Repubblika, Registratur tal-Qorti u Kummissarju tal-Pulizija** (deciza minn din il-Qorti kif presjeduta fl-24 ta' Novembru, 2004) intqal :

""l-art. 181B jipprovdi li l-Gvern, igifieri l-istat, ghandu jkun rapprezentat fl-atti u fl-azzjonijiet gudizzjarji mill-kap tad-dipartiment tal-Gvern li jkun inkarigat fil-materja in kwistjoni. Barra minn hekk is-subinciz (2) tal-istess artikolu jipprovdi wkoll li l-Avukat Generali jirrapprezenta l-Gvern f'dawk l-atti w azzjonijiet gudizzjarji li minhabba n-natura tat-talba ma jkunux jistghu jigu diretti kontra dipartimenti ohra tal-Gvern. Mela huwa l-Avukat Generali li jirrapprezenta lill-Gvern in rapprezentanza tal-Istat…""

"Ukoll, kif intqal mill-Qorti Civili Prim'Awla (sede Kostituzzjonali) - kif presjeduta - fil-kawza fl-ismijiet **Vica Limited vs Il-Kummissarju ta' l-Artijiet u l-Avukat Generali tar-Repubblika** u deciza fis-27 ta' Jannar 2009 :

""Izda fl-istess hin jekk hemm persuna specifika mghobbija bir-responsabbilta` tal-haga ma jibqax aktar l-Avukat Generali izda jkun il-kap tad-dipartiment tal-Gvern inkarigat fil-materja in kwistjoni li jirrapprezenta fl-atti u l-azzjonijiet gudizzjarji."

"Ghal dawn il-motivi l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni ta' l-intimati Direttur tax-Xoghol u Relazzjonijiet Industrijali u l-Ministru ta' l-Edukazzjoni, Zghazagh u Impjieg u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju.

***<u>"D3. Membri ta' l-Assocjazzjoni rikorrenti jistghux ikunu msiehba fi trade union :</u>***

"Fl-eccezzjoni ta' l-intimati 2.1 jinghad :

""Illi skond l-artikolu 8(7)(a) ta' l-Att dwar il-Protezzjoni Civili (Kap 411) il-membri tal-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg ('il-Forza') fi hdan id-Dipartiment tal-Protezzjoni

Civili ma jistghux ikunu msiehba fi *trade union*. Skond il-paragrafu (b) ta' l-istess sub-artikolu dawk il-membri ta' l-imsemmija Forza jistghu jissiehbu f'assocjazzjoni li l-iskop taghha huwa espressament cirkoskritt bhala dak illi "tikkonsidra u ggib quddiem l-awtoritajiet kompetenti kull haga li tolqot il-*welfare* u l-efficjenza professjonali tal-membri ta' dik l-assocjazzjoni…….".'

"L-imsemmi sub-artikolu jipprovdi li :

""Il-membri tal-Forza jistghu jiffurmaw assocjazzjoni ghalihom infushom.""

"Kien a bazi ta' dan li l-intimati sostnew li l-Assocjazzjoni qatt ma tista' tigi registrata bhala *trade union* ghall-fini ta' l-Att dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali u l-Impiegi (Kap 452). Il-funzjonijiet ta' l-istess Assocjazzjoni jistghu jirreferu biss biex jingiebu ghall-attenzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti affarijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-kundizzjonijiet tas-servizz tal-membri tal-Forza. Infatti l-Assocjazzjoni ma hijiex registrata bhal *trade union*. Il-Qorti ma thossx li l-Assocjazzjoni tista' tiffunzjoni bhala *trade union* u kien propju ghalhekk li l-legislatur ipprovda fit-termini li ipprovda ghalihom. Il-funzjonijiet ta' l-Assocjazzjoni huma limitati kif provvdut fl-artikolu 8(7)(b) ta' l-Att Dwar il-Protezzjoni Civili. Interpretazzjoni li l-Assocjazzjoni hija xi forma ta' *trade union* ghal skopjiet ta' l-Att Dwar l-Impjiegi u Relazzjonijiet Industrijali hija certament zbaljata. Kieku l-artikolu 8(7)(a) kien ikun superfluwu. Il-Kap 411 specifikament jipprojbixxi membri tal-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg milli jiffurmaw parti minn *trade union*. Meta wiehed jistudja d-dispozizzjonijiet relevanti jidher car li l-Assocjazzjoni qatt ma tista' tigi registrata bhala xi *trade union*.

"Dan iwassal li t-talba maghmula mill-Assocjazzjoni rikorrenti tmur oltre l-kompetenza legali taghha. Dan iwassal li r-rikorrenti m'ghandhiex *locus standi* tressaq it-talbiet li fil-fatt ghamlet.

"Ghalhekk tilqa' din l-eccezzjoni.

*"**<u>D4. L-eccezzjoni 2.2 :</u>***

"Il-Kapitolu 452 dwar Relazzjonijiet Industrijali fl-artikolu 84 tieghu jeskludi l-applikabilita` tad-dispozizzjonijiet ta' l-artikolu 72 ghall-membri tal-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg, u dan minhabba l-fatt li skond l-istess artikolu 84 dawn id-dispozizzjonijiet ma japplikawx ghall-impjegati tal-Gvern bhala ma huma membri tal-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg.

"Ghalhekk tilqa' din l-eccezzjoni.

*"**<u>D5. L-obbligu tal-Gvern li jinnomina membri fuq il-Joint Negotiating Council</u>** :*

"Wiehed irid jezamina jekk il-Gvern ghandux l-obbligu pretiz mill-Assocjazzjoni rikorrenti. Ma jidhirx li jezisti dan l-obbligu fuq il-Gvern. Naturalment jekk ma hemmx l-obbligu anqas ma tista' l-Qorti tiffissa terminu biex jigi attwat dan il-ghan. Huwa l-Kap 452 li jipprovdi dwar it-twaqqif ta' *Joint Negotiating Council*. Il-korp irid ikun *trade union* registrat bhala tali u rikonoxxut taht il-Kap 452 u l-fatt li l-ligi ma tipprovdix ghan-nomina ta' rapprezentanti tal-Gvern kif allegat mill-Assocjazzjoni rikorrenti, hija appuntu ghalhekk u mhix xi ommissjoni izda kienet intiza propju ghal dan l-iskop. Huwa propju ghalhekk li l-Qorti tilqa' l-eccezzjoni 2.3 li ma jezisti ebda obbligu ghan-nomina ta' membri fuq il-*Joint Negotiating Council*.""

"Rat ir-rikors tal-appell tal-assocjazzjoni attrici li in forza tieghu, ghar-ragunijiet minnhom premessi, talbet illi din il-Qorti joghgobha :

""…tiddeciedi billi tilqa' l-appell, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata pronunzjata fid-29 ta' April 2009, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-intimati appellati."

"Rat ir-risposta tal-konvenuti kollha li in forza taghha, ghar-ragunijiet
minnha premessi, talbu li :

"“…l-Appell tal-assocjazzjoni appellanti ghandu jigi michud bl-ispejjez b'riserva ghall-produzzjoni ta' provi u sottomissjonijiet ulterjuri permessi mil-Ligi f'kaz illi dan ikun mehtieg.”

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet ;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti esebiti ;

“Ikkunsidrat :

“Illi dwar il-fatti li wasslu ghal din il-kawza, dawn huma ben deskritti fir-rikors tal-appell li ressqet l-assocjazzjoni attrici, u din il-Qorti tara' li, ghal ahjar intendiment tal-kaz, il-partijiet rilevanti ghandhom jigu riprodotti f'din is-sentenza.

“L-assocjazzjoni hija regolata bil-Ligi, precizament bl-Att XV tal-1999 dwar il-Protezzjoni Civili, il-Kapitolu 411 tal-Ligijiet ta' Malta, u bl-istatut taghha approvat bl-Avviz Legali 207/99, li jghid fost l-ohrajn li l-ghanijiet u l-iskopijiet tal-Assocjazzjoni jkunu illi ttejjeb il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi tal-impjiegi u tas-salarji tal-membri taghha.

“Illi kif stabbilit bl-Artikolu 7(b) tal-imsemmi Att, l-Assocjazzjoni Protezzjoni Civili ghandha *“bil-ghan li taghmilha possibbli…...tikkonsidra u ggib quddiem l-awtoritajiet kompetenti kull haga li tolqot il-welfare u l-efficjenza professjonali tal-membri ta' dik l-assocjazzjoni, inkluz dak li jolqot is-sieghat tax-xoghol taghhom, leave, hlas u allowances, pensjonijiet u kundizzjonijiet tas-servizz u regoli tad-dixxiplina ohra b'mod generali……”*

“Illi l-istatut approvat mill-Ministru responsabbli mill-Protezzjoni Civili *ai termini* tal-Artikolu 7(c) tal-istess Att XV imsemmi – Kap. 411 tal-Ligijiet ta' Malta – u mpoggi fis-sehh bl-Artikolu 13(2) tal-Avviz Legali 207 tas-sena 1999, jghid illi l-ghanijiet u l-iskopijiet tal-Assocjazzjoni jkunu, fost ohrajn :

“(a) biex ittejjeb il-kundizzjonijiet u c-cirkostanzi tal-impjiegi u tas-salarju u generalment tipprotegi l-interessi u d-drittijiet professjonali tal-membri taghha ;

“(b) biex thares u ttejjeb il-kundizzjonijiet tal-impjieg tal-membri u biex iggib ’il quddiem l-interessi taghhom, biex tirraprezenta l-interessi tal-membri f'diskussjonijiet man-naha ufficjali fid-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili u

“(c) biex tkabbar il-benessere tal-membri tad-Dipartiment u tad-dipendenti taghhom, permezz ta' dawk is-servizzi li minn zmien ghal zmien jistghu jkunu possibbli, inkluz poloz tal-assigurazzjoni kollettiva ;

“Illi in segwitu` ghall-obbligu taghha kif naxxenti minn dak li qieghed hawn fuq jigi kkwotat, l-Assocjazzjoni rikorrenti bdiet sa minn Settembru tas-sena 2003, tressaq quddiem l-Awtoritajiet kompetenti rapprezentazzjonijiet dwar bzonnijiet partikolari u kundizzjonijiet tax-xoghol partikolari li l-Assocjazzjoni hasset illi kellha tressaq ’il quddiem fl-ahjar interessi u benessere tal-membri taghha.

“Illi meta tali rapprezentazzjonijiet u diskussjonijiet ma’ l-ghola awtoritajiet Governattivi, fosthom mal-Ministeri intimati appellati, ma hallew l-ebda frott, l-Assocjazzjoni rikorrenti gharrfet lid-Direttur tad-Dipartiment tal-Protezzjoni Civili illi d-diskussjonijiet li kienu qed isiru ma kienux qed ihallu l-frott taghhom u talbitu jintervjeni bhala medjatur jew konciljatur sabiex jinstabu s-soluzzjonijiet ghall-pendenzi li kien hemm u appellat illi tinzamm laqgha bejn il-partijiet bil-ghan illi tinstab soluzzjoni filwaqt illi jkun stabbilit *time-frame* li fih kellhom jinzammu ddiskussjonijiet.

“Illi anke dan it-tentattiv sfaxxa fix-xejn u fis-7 ta’ Frar 2005 l-Assocjazzjoni rikorrenti kitbet lill-Ministru intimat responsabbli mill-Edukazzjoni, Zghazagh u Xoghol u talbet lill-istess Ministru sabiex tressaq l-ilment tal-assocjazzjoni quddiem il-Joint Negotiating Council, kif suppost stabbilit bl-Artikolu 72 tal-Kap. 452 dwar il-Kundizzjonijiet tax-Xoghol u r-Relazzjonijiet Industrijali, sabiex fil-parametri li ttih il-ligi, jigu trattati l’hemmhekk elenkati problemi konnessi mal-kundizzjonijiet tas-servizz tal-membri tal-Assocjazzjoni rikorrenti bl-iskop illi jkunu rizolti fl-ahjar interess taz-zewg nahat.

“Illi in segwitu ghal tali ittra, inzammet laqgha mal-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni, Zghazagh u Xoghol fit-18 ta’ Marzu 2005 u in segwitu ghal inizjattiva personali tal-istess Ministru li jikkomunika mal-awtoritajiet kompetenti u responsabbli mill-Protezzjoni Civili partikolarment il-Ministru intimat responsabbli mill-Gustizzja u Intern, inbdew sensiela ta’ negozjati ma’ ufficjali gholja mill-istess Ministeru bil-ghan illi jkunu solvuti l-pendenzi bejn iz-zewg partijiet.

“Illi d-diskussjonijiet li sehhew wasslu ghal soluzzjonijiet fuq pendenzi minuri izda baqa’ ma kien hemm ebda zblokk fuq kwistjonijiet aktar serji.

“Illi in effetti d-diskussjonijiet mal-Ministeru ghall-Gustizzja u Intern ma komplewx u fl-4 ta’ Novembru 2005, l-Assocjazzjoni rikorrenti ghal darb’ohra kitbet lill-Ministru responsabbli mill-Edukazzjoni, Zghazagh u Xoghol fejn informatu, b’referenza ghall-pendenzi li hemm, illi kien mehtieg illi jinhatar il-Joint Negotiating Council *ai termini* tal-Artikolu 72 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta’ Malta, una volta illi kienu fallew it-trattativi mal-Ministeru koncernat, dak intimat tal-Gustizzja u Intern u una volta illi dak kien l-uniku forum illi tipprovdi l-ligi industrijali tal-pajjiz ghall-Assocjazzjoni bhal dik rikorrenti, fejn tista’ tkompli tavvanza l-pretenzjonijiet taghha f’isem il-membri taghha, ghal-liema talba l-Assocjazzjoni rceviet biss *acknowledgement* u ebda risposta definittiva u wisq anqas pozittiva.

“L-ewwel Qorti laqghet is-sottomissjonijiet tal-konvenuti u cahdet it-talbiet wara li qieset li l-Assocjazzjoni attrici ma hiex Trade Union u ghalhekk, ma tistax titlob li jigu mahtura l-membri tal-Joint Negotiating Council u f'kull kaz, bhala impjegati tal-Gvern, huma eskluzi milli jressqu ilment ghal quddiem dan il-kunsill.

“L-assocjazzjoni attrici appellat mis-sentenza, u wara li ressqet aggravji procedurali dwar il-validita` tas-sentenza tal-ewwel Qorti, dahlet fil-meritu u qed tinsisti li ghandha dritt titlob lill-awtoritajiet kompetenti jahtru l-membri tal-

Kunsill biex dan ikun jista' jwettaq il-funzjonijiet tieghu skont il-ligi.

"Trattati z-zewg aggravji procedurali, din il-Qorti tara li dawn mhux misthoqqa. Ghalkemm tnejn mill-konvenuti originali gew liberati mill-osservanza tal-gudizzju, u l-kjamat fil-kawza baqa' kontumaci, l-ewwel Qorti setghet u kellha tiddeciedi dwar l-eccezzjonijiet l-ohra peress li dawn baqghu sostnuti mill-konvenut Ministru ghal Gustizzja u Intern, u cahdet it-talbiet attrici wara li qieset u laqghet l-eccezzjonijiet ta' dan il-konvenut.

"Lanqas ma jidher li l-ewwel Qorti injorat il-fatt li l-Agent Direttur Generali (Management and Personnel Office) baqa' kontumaci ; hi ma kellhiex ghalfejn tghaddi ghal xi forma ta' gudikat fil-konfront tieghu. Il-kontumacia, hu risaput, hija forma ta' kontestazzjoni tat-talbiet attrici u darba li kien ghad fadal kontestazzjoni formali minn konvenut wiehed, l-ewwel Qorti kellha tezamina dawk l-istess eccezzjonijiet u darba li ddecidiet li l-assocjazzjoni attrici ma kellhiex dritt titlob li jigu mahtura l-membri tal-Joint Negotiating Council, tali decizjoni twassal ghac-cahda tat-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenuti kollha. L-Agent Direttur Generali kjamat fil-kawza ma kellux ghalfejn jissemma espressament fid-decide tas-sentenza tal-ewwel Qorti, la darba l-materja tal-kawza giet dikjarata mhux azzjonabbli mill-assocjazzjoni attrici.

"Dawn iz-zewg aggravji procedurali qeghdin, ghalhekk, jigu michuda.

"Ghar-rigward tal-meritu din il-Qorti ezaminat bir-reqqa l-Artikolu 72 tal-Kap. 452 invokat mill-assocjazzjoni attrici in sostenn tat-talbiet taghha. Dan l-artikolu, fis-sub-artikoli (1) u (2) jipprovdi dan li gej :

*""72. (1) Qieghed jigi b'dan imwaqqaf Joint Negotiating Council bhala makkinarju specjali ghal negozjati dwar tilwimiet ta' xoghol li ghandhom x'jaqsam ma' kondizzjonijiet tas-servizz ta' persuni li jipprovdu s-servizzi elenkati fl-Artikolu 64(6):*

*"Izda l-Kunsill u kull sistema ta' negozjati ohra mwaqqfa b'dan l-artikolu jew tahtu, ma ghandhom bl-ebda mod jikkonsidraw xi, jew jindahlu f'xi, kwistjoni li taqa' taht il-funzjonijiet tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.*

*"(2) Il-Kunsill ikun maghmul minn mhux aktar minn erba' membri li jirraprezentaw lill-Gvern u mhux aktar minn erba' membri li jirraprezentaw lit-trade union li jkollha bhala membri taghha l-oghla numru ta' persuni li jipprovdu s-servizz essenzjali fis-settur rilevanti jew fil-qasam involut fit-tilwima :*

*"Izda l-membri mahturin mit-trade union maghrufa skond id-disposizzjonijiet ta' dan is-subartikolu ghandhom jigu hekk mahtura mit-trade union fl-istess hin li tigi ufficjalment registrata tilwima ta' xoghol, u ghandhom jigu mfissra bil-miktub f'ittra indirizzata lis-Segretarju Permanenti fl-Ufficcju tal-Prim Ministru :*

*"Izda ukoll, skond il-proviso ta' qabel dan, l-ghamla tal-Kunsill tista' tvarja jekk ikun hemm izjed minn tilwima wahda riferita lill-kunsill u dawn it-tilwimiet huma separati u huma maghmula minn trade union differenti kif specifikat fl-ewwel paragrafu ta' dan is-subartikolu."*"

"Il-Joint Negotiating Council gie allura mwaqqaf bis-sahha tal-ligi stess, u ma hu mehtieg li jsir xejn aktar ghat-twaqqif tieghu. Dan il-kunsill twaqqaf biex jisma' tilwimiet li ghandhom x'jaqsmu ma' kundizzjonijiet tas-servizz ta' persuni li jipprovdu s-servizzi elenkati fl-Artikolu 64(6). Dan l-ahhar artikolu jirreferi espressament ghal membri tal-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg stabbilita bis-sahha tal-Artikolu 8 tal-Att dwar il-Protezzjoni Civili (Kap. 411). Dan l-Att jolqot il-membri rapprezentati f'din il-kawza mill-assocjazzjoni attrici. Fi kliem iehor, l-Artikolu 72 jaghti kompetenza lill-Joint Negotiating Council jisma' ilmenti marbuta mal-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-membri tal-assocjazzjoni attrici – u dan b'mod car u esplicitu. Il-fatt li din l-assocjazzjoni mhix Trade Union mhix rilevanti, ghax il-Kunsill ma inghatax il-poter li jisma' ilmenti biss minn xi Trade Union. Fil-fatt, dan il-kunsill, jista' jisma' wkoll ilmenti mressqa mill-Air Traffic Controllers, li wkoll

ghandhom assocjazzjoni jew ghaqda, izda mhumiex membri ta' Trade Union.

"Ic-cirkostanza li l-membri tal-Kunsill ghandhom jigu mahtura erbgha mill-Gvern u erbgha mit-Trade Union "li jkollha bhala membri taghha l-oghla numru ta' persuni li jipprovdu s-servizz essenzjali fis-settur rilevanti jew fil-qasam involut fit-tilwima", jolqot il-komposizzjoni tal-Kunsill, izda mhux ukoll il-kompetenza tieghu. L-Artikolu 72(1) irid jaghti forum fejn l-ilmenti tal-assocjazzjoni attrici jkunu jistghu jigu diskussi b'mod trankwil, u l-fatt li l-istess assocjazzjoni attrici ma nghatalhiex il-mandat li tahtar hi membri fuq il-Kunsill, ma jfissirx li l-istess kunsill ma jistax jiffunzjona. Il-membri kif tghid il-ligi, ghandhom jigu mahtura erbgha mill-Gvern, u erbgha minn dik it-Trade Union li ghandha l-aktar numru ta' membri li jahdmu fl-istess settur bhal dik li jahdmu fiha il-membri rapprezentati mill-assocjazzjoni attrici. Il-Gvern, allura jrid jiddentifika dik il-Union li ghandha l-akbar numru ta' nies registrati maghha li jaghmlu xoghol bhal jew ekwivalenti ghax-xoghol li jwettqu l-membri tal-assocjazzjoni attrici, u jistiednu lil dik il-Union tahtar erba' rapprezentanti fuq il-kunsill. Id-dritt li l-ligi stess taghti lill-Assocjazzjoni attrici li tressaq l-ilmenti taghha quddiem dan il-kunsill ma ghandux jigi stultifikat b'interpretazzjoni dejqa tal-ligi stess fejn din tipprovdi ghall-hatra tal-membri li ghandhom jikkomponu l-kunsill.

"Il-konvenuti jaghmlu referenza ghal dak li jipprovdi l-Artikolu 84 tal-istess Kap. 452 li, prima facie, jidher li qed iccahhad lill-Assocjazzjoni attrici mid-dritt li jirrikorru ghal ghand dan il-Kunsill. Dan l-artikolu jipprovdi hekk :

*""84. (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, u bla pregudizzju ghad-disposizzjonijiet specjali li jinsabu fih dwar ufficjali pubblici, id-disposizzjonijiet tat-Titolu II ta' dan l-Att, barra mid-disposizzjonijiet tal-Artikoli 69 u 72 u mid-disposizzjonijiet dwar it-tkeccija jew tmiem ta' impieg, ghandu jkollhom effett dwar impieg mal-Gvern u ghal haddiema li huma impjegati tal-Gvern kif ghandhom effett dwar impieg iehor u haddiema ohra. Id-disposizzjonijiet eskluzi b'dan is-subartikolu ma japplikawx*

*ghal impjegati tal-Gvern hlief kif jista' jkun provdut bis-sahha tal-Artikolu 48(1).*

*"(2) F'dan l-artikolu "impieg mal-Gvern" tfisser impieg that jew ghall-finijiet ta' dipartiment tal-Gvern, barra minn impieg bhala membru ta' forza dixxiplinata, u "impjegat tal-Gvern" tfisser persuna li ghal dak iz-zmien tkun f'impieg mal-Gvern."*

"Dan l-artikolu jeskludi mill-effetti tal-Artikolu 72 impjegati tal-Gvern, barra minn dawk l-impjegati membri ta' forza dixxiplinata. Skont l-istess ligi, "forza dixxiplinata" ghandha l-istess tifsir kif moghti lilha bl-Artikolu 47 tal-Kostituzzjoni ta' Malta, li ma jirriferix ghal membri impjegati fid-Dipartiment ta' Protezzjoni Civili. Kwindi dan l-artikolu jidher li qed jeskludi l-membri ta' dan l-ahhar Dipartiment milli juzufruwixxu mill-Artikoli 69 u 72 tal-Att.

"Huwa jidher li fl-istess ligi hemm dispozizzjonijiet kontra xulxin. Ghax filwaqt li l-Artikolu 72 espressament jaghti lill-membri tad-Dipartiment Governattiv ta' Protezzjoni Civili, id-dritt li jirrikorru ghal Joint Negotiating Council, l-Artikolu 84 implicitament icahhad lil dawn l-istess membri mill-imsemmi dritt. Meta jkunu jezistu provvedimenti kontradittorji, il-Qorti ma ghandhiex, mill-ewwel, tghid li xi provvediment jipprevali fuq iehor, u ghandha, jekk hu possibbli tipprova tirrikoncilja l-istess provvedimenti. Din il-Qorti tara li, f'dan il-kaz, tista' tirrikoncilja dawn iz-zewg provvedimenti. Fil-fehma tal-Qorti, la darba l-Artikolu 72 jipprovdi espressament ghall-membri tal-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg, il-kliem generali tal-Artikolu 84, partikolarment il-kliem "impjegati tal-Gvern", ma ghandhomx jinghataw tifsira li jwaqqghu d-dritt espressament moghti lill-assocjazzjoni attrici bl-Artikolu 72. Fi kliem iehor, l-eskluzzjoni generali ma ghandhiex isservi biex jigu eskluzi dawk imsemmija specifikament li jgawdu b'dak id-dritt. Ghal fini ta' din il-kawza, allura, l-"impjegati tal-Gvern" imsemmija fl-Artikolu 84 ma jinkludux il-membri tal-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg indikati fl-Artikolu 64 (6)(b) tal-istess Kap. 452, u dan peress li dawn huma msemmija specifikament u espressament mill-istess

ligi bhala li ghandhom dritt igawdu mill-provvedimenti tal-Artikolu 72.

"Kwindi hu obbligu tal-Gvern li jwassal ghall-holqien tal-Joint Negotiating Council biex dan jiddiskuti l-ilmenti tal-Assocjazzjoni attrici, u dan kif spjegat f'din is-sentenza. Din mhux xi diskrezzjoni mhollija f'idejn il-Gvern, u la darba saret talba ghal hatra tal-membri tal-kunsill, il-Gvern irid iwettaq d-doveri tieghu u jara li l-kunsill jinhatar ghall-iskopijiet li ghalihom twaqqaf. Il-hatra tal-membri tal-Gvern hija l-funzjoni tal-Agent Direttur Generali (Management and Personnel Office) fl-ufficcju tal-Prim Ministru, u l-membri l-ohra jridu jinhatru minn dik il-Union li tigi ddentifikata mill-Gvern bhala li tirraprezenta l-aktar numru ta' haddiema li jipprovdu s-servizz analogu ghal dak li jwettqu l-membri tal-assocjazzjoni attrici, kif muri aktar qabel f'din is-sentenza.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-appell li ressqet l-assocjazzjoni attrici billi tilqa' l-istess, u hlief li tikkonferma s-sentenza tal-ewwel Qorti fejn din illiberat mill-osservanza tal-gudizzju lid-Direttur ghar-Relazzjonijiet Industrijali u Impjiegi, u lill-Ministru ghall-Edukazzjoni, Zghazagh u Impjieg, tirrevoka u thassar il-bqija tas-sentenza tal-ewwel Qorti u tghaddi biex tilqa' t-talbiet kollha attrici fil-konfront tal-Ministru ghall-Gustizzja u Intern u l-Agent Direttur Generali (Management and Personnel Office) ; ghal fini tat-tieni talba qed tiffissa terminu ta' erba' xhur mil-lum.

"L-ispejjez kollha tal-kawza jithallsu kwantu ghal kwart (¼) mill-assocjazzjoni attrici, u tliet kwarti (¾) miz-zewg konvenuti aktar qabel ikkundannati, u dan in solidum."

Rat ir-rikors tar-ritrattazzjoni prezentat fil-21 ta` Mejju 2012 mill-konvenut Ministru tal-Gustizzja u Intern u mill-kjamat fil-kawza Agent Direttur Generali (Management and Personnel Office) li permezz tieghu talbu lil din il-Qorti sabiex *thassar is-sentenza taghha tal-24 ta` Frar 2012 u tordna r-ritrattazzjoni ta` l-istess.*

Rat ir-risposta tal-Assocjazzjoni Protezzjoni Civili kif rapprezentata minn Emanuel Psaila, Chairman u John Azzopardi, Segretarju ta` l-istess Assocjazzjoni, prezentata fis-6 ta` Gunju 2012 ghar-ragunijiet minnhom indikati ssottomettew illi r-rikors kellu jigi michud, spejjez ghall-konvenut Ministru tal-Gustizzja u Intern u ghall-kjamat fil-kawza Agent Direttur Generali (Management and Personnel Office).

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tal-5 ta` Marzu 2013.

Rat id-digriet taghha moghti fl-istess udjenza fejn halliet il-kawza ghas-sentenza.

Rat l-atti tal-kawza.

**Ikkunsidrat :**

Fil-qosor, ir-ragunijiet tar-ritrattandi sabiex jimpunjaw is-sentenza kienu dawn :

1) Ighidu li t-talba taghhom ghal ritrattazzjoni hija bazata fuq l-Art 811(e) u (l) tal-Kap 12.

2) Ighidu li s-sentenza tal-Qorti tal-Appell kienet affetta minn zball materjali ta` fatt li nducieha fl-applikazzjoni hazina tal-ligi.

3) Jirreferu ghal fejn fis-sentenza jinghad illi l-fatt li r-ritrattata mhijiex *trade union* mhuwiex rilevanti ghaliex il-*Joint Negotiating Council* jista` jisma` wkoll ilmenti mressqa mill-Air Traffic Controllers li wkoll ghandhom assocjazzjoni jew ghaqda izda li mhumiex membri ta` *trade union*. Fir-realta` l-Malta Air Traffic Controllers Association (MATCA) hija *trade union* registrata skond il-Kap 452. Li allura jfisser li filwaqt li l-Air Traffic Controllers jistghu jkunu membri ta` trade union, l-impjegati tal-Protezzjoni Civili ma jistghux ikunu membri ta` *trade union* bbazi tal-Kap 411.

4) Isostnu li dak li accennat ghalih il-Qorti tal-Appell kien il-konsegwenza ta` sottomissjoni zbaljata li saret fl-istadju tal-appell, mhux fatt li kien ippruvat waqt is-smigh tal-provi. Ghaliex il-membri ta` l-MATCA huma membri ta` *trade union* jistghu jitolbu li jmorru quddiem il-*Joint Negotiating Council*. Ma jistax jinghad l-istess dwar il-membri tar-ritrattata. Dak kien zball li wassal lill-Qorti tal-Appell ghall-konkluzjoni zbaljata u kwindi ghal decizjoni zbaljata.

5) Jirribadixxu li l-Qorti tal-Appell ma kellhiex tapplika l-Art 72(2) tal-Kap 452 ghall-membri tar-ritrattata ladarba kienu prekluzi bil-Kap 411 milli jkunu membri ta` trade union, shubija ta` trade union li l-membri tal-MATCA mhumiex prekluzi minnha.

6) Jikkontendu li kontra dak li hasbet il-Qorti tal-Appell, ma tezisti l-ebda inkonsistenza jew kontradizzjoni bejn l-Art 72 u l-Art 84 tal-Kap 452. L-Art 84 jeskludi tassattivament l-applikazzjoni tal-Art 72, u jiffissa l-parametri li fihom huwa applikabbli l-Kap 452 ghall-ufficjali pubblici.

**Ikkunsidrat :**

<u>Fil-qosor</u>, ir-ragunijiet tar-ritrattata kontra l-impunjazzjoni tas-sentenza kienu dawn :

1) Tghid illi bir-rikors taghhom, ir-ritrattandi qeghdin jittentaw it-tielet grad ta` gudizzju bi procediment frivolu u vessatorju.

2) Tghid illi l-fatt illi l-Air Traffic Controllers huma membri ta` *trade union* ma jbiddel xejn mis-sustanza tas-sentenza.

3) Isostnu li l-accenn fis-sentenza ghall-kaz tal-Air Traffic Controllers kien biss *per via di esempio.*

4) Tafferma illi l-motivazzjonijiet tas-sentenza jmorru ben oltre dak l-ezempju, u jiccitaw in sostenn il-bran tas-

sentenza fejn saret riferenza ghal dak li kienu jidhru bhala kontra xulxin l-Art 72 u l-Art 84 tal-Kap 452.

5) Identifikat dak il-bran bhala li jikkostitwixxi l-fondament tas-sentenza mhux l-ezempju tal-Air Traffic Controllers, korrett jew mhux.

6) Tafferma li l-Air Traffic Controllers issemmew mhux ghax huma assocjati fi *trade union* izda ghaliex jidhru fil-lista li hemm fl-Art 64(6) (assocjati fi trade union inkella le) li jistghu jirrikorru ghall-*Joint Negotiating Council*, bhall-membri tar-ritrattata.

**Ikkunsidrat :**

Fil-kuntest tal-premess, din il-Qorti, kif komposta, trid qabel xejn tiddeciedi jekk jezistux jew le ragunijiet validi skont il-ligi sabiex tigi mhassra s-sentenza tal-24 ta` Frar 2012 abbazi tar-ragunijiet moghtija mir-ritrattandi. Hu biss jekk tasal ghall-konvinciment illi dawk ir-ragunijiet jissussistu, fejn allura l-Qorti tkun tista' tghaddi biex tisma' l-kawza mill-gdid.

Il-punt tat-tluq ta' din il-Qorti huwa li tirrafferma l-principju tad-dritt li r-rimedju ta' ritrattazzjoni huwa ta' natura straordinarja in kwantu jikkostitwixxi deroga ghall-principju fondamentali li l-gudikat jikkostitwixxi l-ligi bejn il-kontendenti u dan indipendentement mill-fatt jekk il-gudikat jirrispekkjax il-verita' jew il-gustizzja (*res iudicata pro veritate habetur*). Il-kazijiet kollha li fihom jista' jinghata dan ir-rimedju ghandhom jigu governati minn regoli ta' interpretazzjoni stretta hafna, propju ghaliex il-procedura ta' ritrattazzjoni ma kienet qatt intiza, u ghalhekk m'ghandhiex tintuza bhala xi sejha ghal rimedju minn tribunal tat-tielet istanza b'ezami mill-gdid tal-kawza fil-mertu (**"<u>Testaferrata Moroni Viani et vs Vella noe</u>"** – Qorti tal-Appell – 24 ta' Settembru 2004 ; u **"<u>Gauci vs Vella</u>"** – Qorti ta' l-Appell – 10 ta' Ottubru 2003).

Fis-sentenza ta' din il-Qorti tat-3 ta' April 1922 (**<u>Vol.XXV.I.141</u>**) fil-kawza <u>"**Bonnici vs Galea Naudi"**</u> inghad hekk –

*"… in tema di ritrattazione … tale rimedio non si da' per qualunque caso di vera o supposta ingiustizia, di vero o supposto fatto o diritto, ma solo in quei casi tassattivamente stabbiliti dalla legge dovendo in ogni altro caso prevalere la stabilita' del giudicato che sola puo' mettere fine alle liti poiche' l'Autorita' della cosa giudicata importa grandamente alla sicurezza civile."*

Dan premess, ir-ritrattandi qeghdin jikkontendu illi t-talba taghhom hija fondata fuq **is-subincizi (e) u (l) ta` l-Art. 811 tal-Kap.12.**

Din il-Qorti sejra tqis l-ilment skond **is-subinciz (e)**.

**Is-subinciz (e)** jaqra hekk –

*"Jekk is-sentenza tkun applikat il-ligi hazin ;*

*"ghall-finijiet ta' dan il-paragrafu, jitqies li kien hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fil-kaz biss li d-decizjoni, meta l-fatt kien tassew kif stabbilit fis-sentenza attakkata, ma tkunx skond il-ligi basta l-kwistjoni ma tkunx dwar interpretazzjoni ta` ligi li fuqha l-Qorti tkun espressament tat decizjoni."*

Huwa pacifiku fil-gurisprudenza taghna li biex il-Qorti tiddeciedi jekk kienx hemm jew le applikazzjoni hazina tal-ligi, ma hemmx ghalfejn jigu ezaminati u meqjusa **l-fatti tal-kawza**.

Lanqas m'ghandhom il-fatti tal-kawza jigu nterpretati **mill-gdid**.

L-ipotesi tal-applikazzjoni hazina tal-ligi tikkonkretizza ruhha meta jkun hemm vjolazzjoni **manifesta** tal-ligi, espressa u cara, u mhux soggetta ghal interpretazzjoni, razzjocinji jew argumenti ("**Azzopardi vs Galea"** – Qorti tal-Appell – 17 ta' Frar 1876 **; "Borg vs Giordmaina"** – Qorti tal-Appell - 19 ta' Jannar 1996 **; "Busuttil vs Gauci et"** – Qorti tal-Appell – 24 ta' Jannar 1997 **; "Grech et vs Abela"** – Qorti tal-Appell - 8 ta' Gunju 1999 u **"Amato**

**<u>Gauci et vs Agius</u>"** – Appell Inferjuri – 24 ta' Novembru 2003)

Din il-Qorti diversament komposta fis-sentenza taghha fil-kawza **"<u>Vella Zarb vs Bartolo</u>"** tat-3 ta' Frar 1930 kienet cara –

*"… la Corte in giudizio di ritrattazione non puo' entrare come nel caso di un regolare appello ad esaminare se il fatto come stabilito dalla Corte sia' erroneo o meno ; ma per vedere se vi sia' mala applicazione di legge, deve prendere per unica base il fatto come stabilito dalla Corte nella sentenza impugnata …"*

F'sentenzi ohra inghad hekk –

*"A testimonianza del Mattirolo (Trattato di Diritto Giudiziario Civile - Vol IV para 1043) e' ormai pacificamente ammesso dagli scrittori e dalla giurisprudenza che i giudizi di mera interpretazione di un fatto dubbio o controverso ossia i giudizi col quale il magistrato dato il tenore di un atto interpreta la volonta' dubbia ed oscura dei contraenti o del testatore sono giudizi sovrani del magistrato che statuisce sul merito incensurabile in cassazione* ("**<u>Cassar Desain ne et vs Spiteri</u>**" – Qorti tal-Appell - 25 ta' Novembru 1927 u "**<u>Wismayer vs Wismayer</u>"** – Qorti tal-Appell – 7 ta' Dicembru 1936)

Sabiex jigi radikat id-dritt ghal ritrattazzjoni skond il-paragrafu (e), ir-rikorrent irid jipprova bil-premessa tieghu <u>li l-Qorti applikat il-ligi hazina mhux li applikat il-ligi tajba b'mod hazin</u> (**"<u>Micallef et noe vs Abela et noe</u>"** – Qorti tal-Appell – 3 ta' Gunju 1994)

Huwa wkoll rilevanti dak li jghid l-**<u>Art.816</u>** tal-Kap.12 –

"… *meta r-raguni hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, l-attur ghandu jsemmi l-ligi li kien imissha giet applikata.*"

Din il-Qorti tkompli ticcita gurisprudenza li tqis rilevanti –

a) **“<u>Xuereb vs Xuereb</u>” :**

Qorti tal-Appell – 20 ta’ Jannar 1992 - Vol.LXXV.II.196 :

*“Jista’ jkun hemm biss lok ghal ritrattazzjoni taht is-subinciz (e) jekk fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw ippruvati il-Qorti tkun applikat artikolu tal-ligi flok iehor li kellu jkun propjament applikat.*

b) **“<u>Busuttil vs Gauci et</u>” :**

Qorti tal-Appell – 24 ta’ Jannar 1997 :

*“Hemm applikazzjoni hazina tal-ligi fit-termini ta’ dan is-subinciz mhux meta jkun hemm interpretazzjoni hazina tal-ligi applikabbli ghall-fatti imma biss meta ma tkunx giet applikata l-ligi giusta ghal dawk il-fatti.”*

c) **“<u>Sammut et vs Mizzi et</u>” :**

Qorti tal-Appell – 30 ta’ Gunju 2003 :

*“Ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv jekk fuq dawk il-fatti kif jirrizultaw pruvati ikun jidher li l-Qorti applikat disposizzjoni tal-ligi flok disposizzjoni ohra li kellha propjament tigi applikata. Jekk jirrizulta li fis-sentenza impunjata tkun applikata l-ligi korretta ghall-fatti tal-kaz, xorta wahda ma hemmx lok ghal ritrattazzjoni fuq il-motiv tas-subinciz (e) nonostante li l-interpretazzjoni moghtija mill-Qorti lil dik il-ligi tkun skorretta. Biex ikun hemm lok ghal ritrattazzjoni fuq dan il-motiv irid jintwera li l-Qorti, fis-sentenza impunjata, applikat il-ligi hazina ghall-kaz u mhux applikat il-ligi t-tajba b’mod hazin. Biex jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Lanqas ma jistghu jigu valutati jew interpretati fis-sentenza attakkata.”*

d) **“<u>Micallef vs Pavia</u>” :**

Qorti tal-Appell – 8 ta’ Novembru 1993 – Vol.LXXVII.II.326 :

*"Tajjeb jinghad – ghax rilevanti ghall-kaz in esami – illi jekk l-interpretazzjoni tal-fatti, il-valutazzjoni u l-apprezzament tal-provi ma jaghtux lok ghal ritrattazzjoni, in kwantu dawn huma attributi li jispettaw esklussivament lill-gudikant li jissindaka u jiddeciedi l-mertu, multo magis ma jaghtix lok ghal ritrattazzjoni l-esercizzju ta' diskrezzjoni u gudizzju mill-gudikant moghti lilu espressament mil-ligi."*

Fil-kaz tal-lum, l-argument tar-ritrattandi sintetikament huwa li bil-fatt li fis-sentenza taghha l-Qorti (diversament komposta) ghamlet riferenza ghal dak li r-ritrattandi jikkontendu li kien zball ta` fatt materjali, u cioe` li l-Air Traffic Controllers, membri tal-MATCA, ma kienux membri ta` *trade union*, meta fil-fatt il-MATCA hija *a trade union*, wassal lil dik il-Qorti biex tapplika l-ligi hazin. Dak kien l-argument basilari li gabu r-ritrattandi, li mbaghad esponew b`mod aktar wiesgha, kemm fil-bqija tar-rikors, kif ukoll it-trattazzjoni orali. Kien l-argument li gabu biex jitolbu t-thassir tas-sentenza kemm abbazi tas-subinciz (e) kif ukoll abbazi tas-subinciz (l) tal-Art 811.

Din il-Qorti trid tghid illi filwaqt fir-rikors u fit-trattazzjoni orali saret emfasi fuq l-effett li l-allegat zball kellu fuq is-sentenza, u allura kwistjoni li tolqot direttament is-subinciz (l), fl-istess waqt ir-ritrattandi ma jfissrux kif dak l-allegat zball ta` fatt holoq bazi ghall-fini tas-subinciz (e).

Mhuwiex il-kompitu tal-Qorti fi procediment ta` din ix-xorta illi tkun hi li tfittex u tislet mill-esposizzjoni tar-ritrattandi fejn qeghdin isostnu li hemm lok ghat-thassir tas-sentenza skond is-subinciz (e). Dak kellu jirrizulta kjarament mill-istess rikors. Jekk it-tesi tar-ritrattandi hija li ghax il-Qorti kienet indotta fi zball ta` fatt materjali, allura dak kellu l-konsegwenza li wassal lill-Qorti biex tapplika l-ligi hazin, allura din il-Qorti tghid, minghajr l-icken esitazzjoni, li r-ritrattandi m`ghandhomx bazi ghal ilment skond is-subinciz (e). Centrali ghas-subinciz (e) hija l-applikazzjoni hazina tal-ligi, mhux jekk dak li l-Qorti accettat bhala fatt kienx l-effett ta` zball. Ir-riferenza ghal allegat zball ta` fatt timplika apprezzament mill-gdid tal-fatti tal-kawza. Biex

jigi deciz jekk kienx hemm applikazzjoni hazina tal-ligi, il-fatti tal-kawza ma jistghux jigu ezaminati mill-gdid. Il-Qorti ma ghandhiex tidhol hi biex tara jekk fatt kienx stabbilit tajjeb inkella le mill-Qorti (diversament komposta). Analizi tal-argument tar-ritrattandi ma jistax iwassal lil din il-Qorti biex tghid illi l-kontenzjoni taghhom hija applikazzjoni hazina jew ksur manifest tal-ligi. Huwa evidenti illi l-Qorti (diversament komposta) tat l-interpretazzjoni taghha tal-fatti u tad-disposizzjonijiet tal-ligi. Li r-ritrattandi jikkontendu li ghall-fatti pruvati li kellha quddiemha, il-Qorti nterpretat il-ligi hazin mhuwiex bizzejjed biex jiskatta dak kontemplat mis-subinciz (e) ghaliex biex dak jiskatta, huwa mehtieg li jirrizulta li l-Qorti applikat il-ligi l-hazina. Fil-kaz tal-lum, mhux hekk gara.

Din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad it-talba skond is-subinciz (e).

Sejra tghaddi issa ghas-**subinciz (l)**.

Is-**subinciz (l**) jaqra hekk :

*“jekk is-sentenza kienet l-effett ta’ żball li jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża.*

*“Għall-finijiet ta’ dan il-paragrafu, jitqies li hemm dak l-iżball, fil-każ biss li d-deċiżjoni tkun ibbażata fuq is-suppożizzjoni ta’ xi fatt li l-verità tiegħu tkun bla ebda dubju eskluża, jew fuq is-suppożizzjoni li ma jeżistix xi fatt, li l-verità tiegħu tkun stabbilita pożittivament, basta li, fil-każ il-wieħed u l-ieħor, il-fatt ma jkunx punt ikkontestat illi jkun ġie deċiż bis-sentenza.”*

Fis-sentenza taghha tal-20 ta` Novembru 2008 fil-kawza “**Abela vs Cortis noe**”, din il-Qorti (diversament komposta) qalet hekk dwar l-Art 811(l) :

*“… Il-liġi titkellem b’mod ċar dwar liema żball irid ikun biex iwassal ħalli sentenza tista’ titħassar. Tali żball irid joħroġ mis-sentenza nnifisha, u jkun jidher mill-atti jew mid-dokumenti tal-kawża u dan biss fil-każ li d-deċiżjoni tkun imsejsa fuq is-suppożizzjoni ta’ xi fatt li l-verità tiegħu tkun*

*eskluża għal kollox jew fuq is-suppożizzjoni li l-fatt ma jeżistix. F'kull każ, il-fatt ma jridx ikun punt kontestat li jkun ġie deċiż bis-sentenza ;*

*"Illi, fuq kollox, l-iżball li għalih tirreferi din id-dispożizzjoni jrid ikun wieħed ta' fatt. Kemm hu hekk, dan huwa li jagħraf smigħ mill-ġdid ta' kawża fuq din id-dispożizzjoni minn smigħ mill-ġdid ta' kawża taħt il-paragrafu (e) tal-artikolu 811, li jirreferi għal żball ta' liġi. Għal dan il-għan, l-iżball ta' fatt li jagħti lok għar-ritrattazzjoni jrid ikun wieħed materjali, manifest u jirriżulta mill-atti nfushom, għaliex mhux imħolli li jitressqu provi biex jippruvaw tali żball. Minbarra dan, l-iżball ma jridx ikun relattiv għall-kriterji jew karattri li bihom il-fatt ikun ġie jew seta' ġie mifhum mill-ġudikant li ta s-sentenza li qiegħed jintalab it-tħassir tagħha, għaliex dan m'huwiex żball li joħroġ mill-atti imma fis-sewwa konvinċiment insindakabbli tal-ġudikant ;*

***"<u>Illi, b'żieda ma' dan, l-iżball li jwassal għat-tħassir ta' sentenza u s-smigħ mill-ġdid tal-kawża irid ikun iddetermina d-deċiżjoni tal-ġudikant fis-sens li kien l-fondament ewlieni tas-sentenza. B'dan il-mod, ingħad li ma hemmx lok għat-tħassir tas-sentenza jekk kemm-il darba din, għalkemm vizzjata minn żball ta' fatt manifest, tkun tista' tiġi mod ieħor imwieżna b'raġunijiet oħrajn indipendenti minn tali żball.</u>*** *Fuq kollox, ma titħalliex issir ritrattazzjoni fejn il-fatt żbaljat ikun punt li ġie ikkontestat u deċiż fis-sentenza attakkata …"*(enfasi u sottolinear ta` din il-qorti).

<u>Fis-sostanza</u>, il-lanjanza tar-ritrattandi skond dan is-subinciz hija li kien zball materjali tal-Qorti meta qieset il-membri tal-assocjazzjoni attrici fuq l-istess livell tal-Air Traffic Controllers membri tal-MATCA ghar-raguni illi din tal-ahhar hija *a trade union* waqt li l-assocjazzjoni attrici mhijiex u kwindi dak li ma kienx fatt ippruvat spicca erroneament meqjus bhala tali bil-konsegwenza li svija ghal kollox lill-Qorti fil-konsiderazzjoni tad-disposizzjonijiet rilevanti tal-ligi.

Din il-Qorti sejra tirreferi ghall-paragrafu **<u>kollu</u>** tas-sentenza fejn issemmew l-Air Traffic Controllers :

"Il-Joint Negotiating Council gie allura mwaqqaf bis-sahha tal-ligi stess, u ma hu mehtieg li jsir xejn aktar ghat-twaqqif tieghu. Dan il-kunsill twaqqaf biex jisma' tilwimiet li ghandhom x'jaqsmu ma' kundizzjonijiet tas-servizz ta' persuni li jipprovdu s-servizzi elenkati fl-Artikolu 64(6). Dan l-ahhar artikolu jirreferi espressament ghal membri tal-Forza ta' Ghajnuna u Salvatagg stabbilita bis-sahha tal-Artikolu 8 tal-Att dwar il-Protezzjoni Civili (Kap. 411). Dan l-Att jolqot il-membri rapprezentati f'din il-kawza mill-assocjazzjoni attrici. Fi kliem iehor, l-Artikolu 72 jaghti kompetenza lill-Joint Negotiating Council jisma' ilmenti marbuta mal-kundizzjonijiet tax-xoghol tal-membri tal-assocjazzjoni attrici – u dan b'mod car u esplicitu. Il-fatt li din l-assocjazzjoni mhix Trade Union mhix rilevanti, ghax il-Kunsill ma inghatax il-poter li jisma' ilmenti biss minn xi Trade Union. Fil-fatt, dan il-kunsill, jista' jisma' wkoll ilmenti mressqa mill-Air Traffic Controllers, li wkoll ghandhom assocjazzjoni jew ghaqda, izda mhumiex membri ta' Trade Union."

Mehuda r-riferenza ghall-Air Traffic Controllers fil-kuntest **<u>shih</u>** tal-bran, din il-Qorti tghid, minghajr l-icken esitazzjoni, li s-sentenza in kwistjoni ma kenitx **<u>l-effett</u>** ta` zball.

Huwa evidenti illi r-riferenza ghall-Air Traffic Controllers ma kenitx materjali ghall-bqija tal-paragrafu. Il-Qorti ghamlet il-punt taghha **<u>qabel</u>** irreferiet ghall-Air Traffic Controllers. Huwa evidenti li dik ir-riferenza saret bhala ezempju. Jekk l-ezempju forsi seta` ma kienx felici ghaliex fil-fatt il-MATCA kienet ukoll *a trade union* ma jbiddel propju xejn mill-bqija tal-hsieb li evolviet il-Qorti sa ma rreferiet ghall-Air Traffic Controllers. Il-hsieb tal-Qorti jibqa` intatt minghajr il-htiega li tirreferi ghal ebda ezempju. Huwa manifest illi l-Qorti ghamlet analizi ta` min kellu jedd jirrikorri ghall-*Joint Negotiating Council* billi rreferiet in partikolari ghad-disposizzjonijiet tal-Kap 411 u tal-Kap 452. Ir-ritrattandi jistghux ma jaqblux mar-*ratio decidendi* tal-Qorti kif svolgietu f`dak il-paragrafu ; u fil-

paragrafi ta` wara, in partikolari fejn ittentat tirrikoncilja l-Art 84 mal-Art 72 tal-Kap 452. Nuqqas ta` qbil mal-hsieb tal-Qorti pero` ma jaghtix jedd lill-parti sokkombenti li tfittex taqbad mal-unika sentenza fejn saret riferenza ghall-Air Traffic Controllers, anke jekk forsi fattwalment zbaljata, biex tismonta l-hsieb kollu tal-Qorti, li biex wasal fejn wasal certament ma kienx dipendenti fuq dak li fuqu ir-ritrattandi bbazaw l-argument taghhom.

Din il-Qorti qeghda ghalhekk tichad it-talba skond is-subinciz (l).

**<u>Decide</u>**

**Ghar-ragunijiet kollha premessi, din il-Qorti qeghda tichad it-talba tal-konvenut Ministru tal-Gustizzja u Intern, u tal-kjamat fil-kawza Agent Direttur Generali (Management and Personnel Office) ghat-thassir tas-sentenza tal-24 ta` Frar 2012, bl-ispejjez kontra taghhom.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------